MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Ċivil Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 70/2018/1 LM

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) u Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) bħala aġenta ta' GasanMamo Insurance plc, u Stephen Micallef**

*(l-appellati)*

***vs.***

**Awtorità għat-Trasport f'Malta**

*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenuta, hawnhekk "l-appellanta" **Awtorità għat-Trasport f'Malta**, mid-deċiżjoni mogħtija fil-31 ta' Ottubru,

2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), li permezz tagħha ġie deċiż li:

> *"Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-awtorità konvenuta u jilqa' t-talbiet tal-atturi, u jordna lill-awtorità konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' sebgħa mija u sebgħa u ħamsin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€757.58), bl-imgħax kif mitlub sad-data tal-ħlas effettiv. Bl-ispejjeż jitħallsu kollha mill-awtorità konvenuta, ħlief l-ispejjeż għall-inġunzjonijiet a fol. 89, 92 u 93 tal-proċess li għandhom jitħallsu mill-attur Micallef waħdu."*

## Fatti

2. L-attur, hawnhekk l-appellat, **Stephan Micallef** jgħid li fis-26 ta' Frar, 2015 seħħ inċident f'Dawret il-Gudja, il-Gudja, meta waqt li kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu CCA-313 din sofriet ħsarat wara li sab *pothole* kbira fit-triq, liema *pothole* ma kinitx issenjalata u ma kien hemm xejn x'jiġbed l-attenzjoni tas-sewwieqa għall-possibilità ta' periklu.

## Mertu

3. L-atturi istitwew proċeduri quddiem it-Tribunal wara li fis-16 ta' Frar, 2016 interpellaw lill-konvenuta għall-ħlas tas-somma ta' seba' mija u sebgħa u ħamsin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€757.58), bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali, rappreżentanti ħlas ta' danni sofferti mill-konvenuti per konsegwenza tal-inċident li seħħ fis-26 ta' Frar, 2015 f'Dawret il-

Gudja, Gudja, meta l-vettura ta' Stephan Micallef CCA-313 sofriet ħsarat wara li s-sewwieq sab *pothole* kbira fit-triq, liema *pothole* ma kinitx issenjalata u ma kien hemm xejn x'jiġbed l-attenzjoni tas-sewwieqa għall-possibbiltà ta' periklu.

4. L-awtorità intimata min-naħa tagħha, filwaqt li rrespinġiet l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet miġjuba kontra tagħha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, qalet ukoll li mhijiex responsabbli għall-inċident li allegatament seħħ u għad-danni allegatament sofferti. L-awtorità konvenuta fl-aħħar nett sostniet li jinkombi fuq l-atturi li jagħmlu l-prova tad-danni allegati u konsegwentement id-danni reklamati qegħdin jiġu kkontestati.

**Is-Sentenza Appellata**

6. Permezz ta' sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru, 2019, it-Tribunal filwaqt li ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-awtorità konvenuta, laqa' t-talbiet tal-atturi, u ordna lill-awtorità konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u sebgħa u ħamsin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€757.58), bl-imgħax kif mitlub sad-data tal-ħlas effettiv. Bl-ispejjeż jitħallsu kollha mill-awtorità konvenuta, ħlief l-ispejjeż għall-inġunzjonijiet *a fol.* 89, 92 u 93 tal-proċess li għandhom jitħallsu mill-attur Micallef waħdu, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi mill-provi rrizulta s-segwenti:*

*Illi l-attur Stephan Micallef kien qed isuq il-vettura CCA-313 f'Dawret il-Gudja, Gudja, viċin ir-*roundabout *qrib il-Palazz. Meta dar ir-*roundabout*, sab hofra li kienet mimlija bl-ilma u ħa daqqa li biha l-karozza messet il-qiegh mal-art. Strettament, f'dan il-ħin kollu, l-attur kien baqa' għaddej għad-dritt, iżda laħaq qabeż ir-*roundabout*, bil-għan li jdur fuq il-lemin tiegħu, fid-direzzjoni lejn Ħal-Għaxaq. Għalkemm ma kinitx nieżla xita, kienet għamlet u kien hemm l-għadajjar fit-triq. Illi dan kollu ġara bil-konsegwenza li kellhom jinbidlu* tyre *u anke l-*windscreen*.*

*Illi PS 1401 Christopher Copperstone għamel referenza għar-rapport lill-Pulizija li kien sar mill-attur ħmistax wara l-inċident u kkonfermah.*

*Illi permezz ta' nota, l-awtorità konvenuta indikat li qed tikkontesta l-quantum tad-danni.*

*Illi John Callus,* surveyor*, għamel* survey *fuq il-karozza in kwestjoni u kkonfermah. Xehed illi karozza bħal din, li kienet taqa' fil-limitu ta' dawk il-karozzi li ma jkunux ilhom ħames snin li ħarġu fit-triq, kellhom jinstabulha* parts *ġodda u mhux* second hand. *Xehed ukoll illi kien hemm bżonn jinbidel kemm it-*tyre *kif ukoll il-*windscreen *li xxaqqaq.*

*Illi Karen Cremona, ix-xhud tal-awtorità konvenuta, qalet li ma jirriżultalhiex li dak iż-żmien tal-inċident lill-awtorità kienu daħlulha xi ilmenti dwar ħofor fit-triq. Il-vettura in kwestjoni kienet vettura maħruġa fl-2010 u mportata mill-Ingilterra fl-2014.*

*Ikkunsidra ulterjorment:*

*Illi dan huwa inċident li seħħ meta l-attur kien għaddej bil-karozza tiegħu f'Dawret il-Gudja, il-Gudja, u gie kkawżat minn ħofra li kien hemm fl-istess triq, li kienet mimlija bl-ilma u li l-attur inċidentalment daħal fiha. B'konsegwenza t'hekk inqasamlu t-*tyre *ta' quddiem u xxaqqaqlu l-*windsreen *tal-karozza tiegħu.*

*Illi t-Tribunal ma jara li hemm l-ebda ġustifikazzjoni min-naħa tal-awtorità konvenuta għaliex it-triq ma kinitx miżmuma kif imiss, u mingħajr periklu għas-sewwieqa u l-karozzi. Ma jirriżultax illi fiż-żmien tal-inċident kienu għaddejjin xi xogħlijiet fl-istess triq, miżura li forsi kienet tesiġi aktar prudenza min-naħa tas-sewwieq. Lanqas ma jirriżulta li kien hemm xi ġustifikazzjoni għal tali ħofra. L-attur innifsu jixhed illi l-għada tal-inċident, din il-ħofra kienet qed timtela.*

*Illi kwantu ghall-kontestazzjoni tal-quantum tad-danni, it-Tribunal, wara li qies ix-xiehda tas-*surveyor *John Callus, jirriżultalu illi d-danni indikati fis-*survey *huma reali u kienu meħtieġa sabiex issewwiet il-karozza.*

*Illi għalhekk lit-Tribunal jirriżultalu li t-talbiet attriċi jistħoqq li jintlaqgħu.*

*Illi kwantu għall-ispejjeż tal-kawża, jirriżulta illi l-attur saru diversi tentattivi sabiex jittella' jixhed in kontro-eżami, li wħud minnhom irriżultaw f'riferta negattiva, filwaqt li kien iżda wkoll notifikat wara l-ħin legali sabiex jixhed in kontro-eżami u baqa' ma deherx għas-seduta tal-24 ta' Ġunju 2019; l-ispejjeż relattivi għal tali notifiki għandhom għalhekk ikunu a kariku tal-attur.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-awtorità konvenuta u jilqa' t-talbiet tal-atturi, u jordna lill-awtorità konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u sebgħa u ħamsin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€757.58), bl-imgħax kif mitlub sad-data tal-ħlas effettiv.*

*L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-awtorità konvenuta, ħlief l-ispejjeż relattivi għall-inġunzjonijiet a fol. 89, 92 u 93 tal-proċess li għandhom jitħallsu mill-attur Micallef waħdu.*

## Ir-Rikors tal-Appell

11. L-appellanta ippreżentat r-rikors tal-appell tagħha fid-19 ta' Novembru, 2019, fejn talbet lill-Qorti sabiex:

*"... tilqa' l-appell interpost preżenzjalment bħala fondat, tiddikjara d-deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar datata 31 ta' Ottubru (2019) f'talba Numru 70/18/CZ bħala nulla u mingħajr effett, u* ai termini *tal-Artikolu 8(4) tal-Kap. 380 tħassar dik id-deċiżjoni u hi stess taqta' t-talba skont id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 7 tal-Kap. 380. B'dan illi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi ikunu a karigu tal-appellati."*

12. L-appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex bid-deċiżjoni appellata dan mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-ekwità skont il-liġi b'mod li din l-azzjoni ppreġudikat il-jeddijiet tal-appellanta, li tgħid illi sabiex wasal għad-deċiżjoni appellata, it-Tribunal jidher li ssorvola l-prinċipji legali ta' *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* u *quod non est in acta non est in mundo*, u lanqas biss ikkonsidra li ebda prova ma nġiebet mill-appellati tal-allegata ħofra.

**Ir-Risposta tal-Appell**

Fir-risposta tal-appell ippreżentata fit-2 ta' Diċembru, 2019, l-appellati jsostnu li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata, prevja ċ-ċaħda tal-appell interpost mill-appellanta, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess appellanta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tar-risposta tal-appellati u tas-sentenza mogħtija mit-Tribunal.

*L-uniku aggravju:* *It-Tribunal mar kontra d-dettami tal-ekwità meta lanqas biss ikkonsidra li l-ebda prova effettiva ma nġiebet mill-appellati tal-allegata ħofra*

L-uniku aggravju mressaq mill-appellanta huwa li t-Tribunal sabiex wasal għad-deċiżjoni appellata, issorvola l-prinċipji legali ta' *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* u *quod non est in acta non est in mundo*, u lanqas biss ikkonsidra li ebda prova ma nġiebet mill-appellati tal-allegata ħofra. Il-Qorti kkonsidrat dan l-aggravju fid-dawl tar-risposta tal-appell mogħtija mill-appellati u tal-provi li tressqu quddiem it-Tribunal, abbażi ta' liema provi t-Tribunal iddeċieda t-talbiet li kellu quddiemu.

10. L-appellati jgħidu li l-imsemmija sottomissjoni tal-appellati tinjora fattur importanti li tirriżulta mix-xhieda ta' Stephan Micallef quddiem it-Tribunal, u li ġie kkonstatat ukoll mit-Tribunal fis-sentenza tiegħu, li dakinhar tal-inċident kienet nieżla x-xita u l-ħofra inkwistjoni kienet mimlija bl-ilma. Kien proprju minħabba f'hekk li Stephan Micallef ma ntebaħx bl-eżistenza tal-ħofra xħin kien għaddej mill-inħawi, u kien minħabba f'hekk li l-ħofra ma kinitx tidher u ma setgħetx tiġi fotografata. Stephan Micallef kompla jixhed li meta l-għada reġa' għadda minn dik it-triq, kien hemm ħaddiema li kienu qegħdin jimlew il-*pothole*, għalhekk l-appellat ma kienx fadal skop li jieħu ritratti għax dawn ma kinux ser juru l-gravità tas-sitwazzjoni li wasslet għall-fatt dannuż li wassal għall-proċeduri odjerni. L-appellati jirrilevaw li l-kawża odjerna hija waħda ċivili u mhux kriminali, fejn il-piż tal-prova li jrid jintlaħaq mill-attur huwa

wieħed relattiv u mhux daqstant rigoruż bħalma huwa f'kawżi kriminali. L-attur mhuwiex meħtieġ li jipprova l-każ tiegħu lil hinn minn kull dubju raġonevoli, imma biss fuq bażi ta' probabbilità. L-appellati jikkontendu li f'dan il-każ l-appellat Stephan Micallef ressaq l-aħjar prova li huwa kellu aċċess għaliha, il-ġurament tiegħu stess, u r-rapport li huwa għamel lill-Pulizija. Barra minn hekk, l-appellati jsostnu li abbażi tal-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, huwa biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u fejn ikunu jeżistu raġunijiet gravi li Qorti ta' reviżjoni tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li jkun sar mill-ewwel Qorti, f'dan il-każ mit-Tribunal.

11. Il-Qorti tqis qabelxejn illi mill-provi jirriżulta li l-ħsarat li ġarrab l-appellat Stephen Micallef fil-vettura tiegħu dakinhar tal-inċident, *tyre* maqsum u *windscreen* imxaqqaq, huma kompatibbli ma' daqqa mal-qiegħ tal-karozza ġo *pothole* fit-triq.

12. Barra minn hekk, kuntrajament għal dak illi ntqal mill-awtorità appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, li t-Tribunal lanqas biss ikkonsidra li l-ebda prova effettiva ma nġiebet mill-appellati tal-allegata ħofra, it-Tribunal qies ix-xhieda ġuramenta tal-appellat Stephen Micallef bħala waħda kredibbli u bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dik li kienet l-aħjar prova possibbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

13. Tqis ukoll li r-regola probatorja li tiġi applikata fi proċeduri kriminali, enunzjata fl-artikolu 638(2) tal-Kap. 9, tagħmilha ċara li filwaqt li huwa d-dover

tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu 638 (2) tal-Kap. 9 jippostula li xhud wieħed waħdu, jekk emmnut huwa suffiċjenti.[1] Issa jekk l-imsemmija regola tiġi applikata fi proċeduri kriminali fejn l-oneru probatorju huwa ferm aktar rigoruż minn dak applikabbli fi proċeduri ċivili, *multo magis* tali regola għandha għandha tiġi applikata għall-kawżi ċivili, fejn l-attur mhuwiex meħtieġ li jipprova l-każ tiegħu lil hinn minn kull dubju raġonevoli, imma biss fuq bażi ta' probabbilità.

14. Din il-Qorti, wara li qieset is-sottomissjonijiet tal-appellanta u r-risposta tal-appellati, ma tarax li jeżistu raġunijiet gravi għalfejn għandha tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li sar mit-Tribunal. Għar-raġunijiet imsemmija, tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat u għalhekk ser tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħdu u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi miit-Tribunal, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanta.**

---

[1] **Il-Pulizija *vs.* Carmel Fenech**, App. Krim. Inf., 19.12.2020.

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**